

Brussell, 15 ta' April 2021
(OR. en)

7573/21

CDR 35

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Komitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**li taħtar membru u membru supplenti,
proposti mir-Renju tan-Netherlands,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Netherlandiż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' korpi reġjonali u lokali li jew għandhom mandat elettorali ta 'awtorità reġjonali jew lokali jew huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fil-25 ta' Settembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1383², li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Robertus Cornelis Leonardus (Robert) STRIJK, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1383 tal-25 ta' Settembru 2020 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 320, 2.10.2020, p. 6).

- (4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sa Ilse ZAAL, attwalment membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, li hija rappreżentanta ta' korp reġjonali b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta (*Gedeputeerde van de provincie Noord-Holland*), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
- (5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sa Ilse ZAAL bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (6) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Robertus Cornelis Leonardus (Robert) STRIJK, li huwa rappreżentant ta' korp reġjonali b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta (*Gedeputeerde van de provincie Utrecht*), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- Is-Sa Ilse ZAAL, rappreżentanta ta' korp reġjonali b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta: *Provinciale Staten van de provincie Noord-Holland*,

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sur Robertus Cornelis Leonardus (Robert) STRIJK, rappreżentant ta' korp reġjonali b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta: *Provinciale Staten van de provincie Utrecht*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
